MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 105/2008

**Guzeppa Portelli**

**Vs**

**Beligna Portelli, Michael Portelli, Angelo Portelli, Joseph Portelli, Pawlu Portelli, Mary Lourdes Mifsud, u Rita Theuma**

Permezz ta' din il-kawza[1] l-attrici qeghda tikkontesta l-validita ta' skrittura datata 25 ta' Gunju 1978 in kwantu ssostni li l-firma taghha u ta' Maria Muscat u Maria Portelli huma falsifikati, kif ukoll li ma gietx iffirmata mill-werrieta kollha ta' Angelo Portelli. L-iskrittura taqra hekk:-

*"Ahna li hawn taht iffirmati Karmelu Portelli, Maria mart Karmelu Muscat, Guzeppa Portelli xebba, Pietra mart Salvu Muscat, Antonia mart il-mejjet Ganni Portelli u*

[1] Ir-rikors guramentat kien prezentat fis-27 ta' Ottubru 2008.

*Maria Portelli xebba bint il-mejtin Karmela Portelli lkoll ulied il-mejtin Anglu Portelli u Grezzju nee Said imwieldin u joqghodu n-Nadur Ghawdex nawtorizzaw lil huna Emmanuele Portelli li joqghod Nr. 3, Old Windmill Street, Nadur Ghawdex sabiex idawwar il-post li qieghed 13, Ghajn Qasab Street, Nadur u r-raba li hemm mieghu msejjah ix-Xaghri ta' Wied Bin-Gemma li kien fuq il-mejjet missierna Anglu Portelli."*.

Skrittura li l-original taghha qeghda fil-Monasteru tal-Ursolini u li jidher li nstabet fl-1 ta' April 2008 wara ricerka li ghamel Patri Gorg Aquilina.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-25 ta' Novembru 2008 (fol. 10), il-konvenuti eccepew:-

1. In linea preliminari l-esponenti jeccepixxu ill dan ir-rikors huwa null u bla effett stante illi l-attrici Guzeppa Portelli ma ghandhiex il-kapacita' mentali u fizika rikjesti mil-Ligi sabiex wiehed jkun jista' jahlef Rikors Guramentat u fil-fatt hija stess ma tafx li ghamlet kawza.

2. Fil-fatt Guzeppa Portelli mhix a konnoxxenza tal-proceduri legali kollha ghaddejjin kontra l-esponenti li jigu l-familja ta' huha Leli Portelli u dan stante illi hija tinsab f'kundizzjonijiet mentali u fizika kritika u dan kif din l-Onorabbli Qorti diga' ikkonstatat wara s-seduta li nzammet fil-post fejn qed tabita sabiex sarilha l-kontro-ezami f'kawza ohra ta' spoll illi hija wkoll ghamlet kontra l-esponenti f'liema kontro-ezami hija stess ammettiet li hi ma ssibx oggezzjoni li l-esponenti jidhlu fil-fond u raba' mertu ta' dik il-kawza.

3. In linea preliminari wkoll l-esponenti jecepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2143 tal-kap 16. u dan stante il-fatt illi l-attrici ilha taf b'dan id-dokument minn dakinhar li gie iffirmat u ghalhekk ghaddew ftit aktar minn tletin (30) sena. Il-konoxxenza taghha dwar dan id-dokument johrog mill-fatt illi matul dawn is-snin kollha hija qatt ma hallset, jew irceviet ircevuta f'isimha jew inkella indagat meta kienet f'sensiha 'il ghaliex hija ma kelliex ktieb tal-kera u fil-fatt qatt ma interpellat lil huha f'dan is-

sens, u dan kollu ghaliex kienet taf illi kien ihallas huha u kollox kien dar fuqha.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura hija wahda valida u skond il-ligi u maghmula quddiem xhud, il-Kan. Antonio Borg, li kien sacerdot fdat mil-partijiet kollha wara struzzjonijiet ta’ Dun Karm Portelli, li kien il-prokuratur tas-sorijiet tal-Ursolini tal-Belt ta dak iz-zmien, peress illi kien avza lil Familja Portelli illi il-kera ma setghetx tibqa’ tghajjat lil xi hadd mejjet u kien bil-kunsens tal-ahwa kollha illi il-kera daret fuq Leli Portelli.

5. In oltre l-esponenti qed joggezzjonaw bil-qawwa ghall-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors guramentat fil-konfront taghhom u dan stante illi huma gabu d-dokument in kwistjoni mill-Kurja ta’ Malta, liema Kurja ghandha biss kopja ta’ dan id-dokument stante illi l-originali ghandha fil-file jinsab fil-Monasteru ta’ Sant’ Ursola l-Belt. Illi l-esponenti jinsabu in buona fede u huma pprezentaw dan id-dokument kif kien meta akkwistawh minghand il-Kurja ta’ Malta.

6. Tant huwa minnhu illi l-ahwa Portelli kienu jafu b’din l-iskrittura, illi qatt ma ntbaghtet ittra interpellatorja u lanqas qatt hadd mill-ahwa ma resaq biex ihallas tali kera, jew parti minnha jekk ippretendew li kienet ghadha tghajjat lil ahwa kollha, lil Leli Portelli jew lil familjarji tieghu.

7. L-attrici ma tafx taqra u l-unika haga li taf tikteb huwa isimha stess liema firma hija qalet wara li giet mistoqsija mil-Qorti; illi jista jkun li kienet il-firma taghha u li illum insiet ghaliex ma ghandiex tiftakar wisq.

8. Madanakollu, l-attrici tista’ biss tikkontesta u tallega illi il-firma taghha stess hija falsifikata u ma tistax taghmel kawza fir-rigward tal-firem ta’ hutha l-ohra u dan aktar u aktar meta tqies illi whud minnhom illum jinsabu f’mejta, ghalhekk anke f’dan ir-rigward il-kawza taghha ma tistax tirnexxi stante illi hemm il-kunsens tal-maggoranza.

9. Din il-kawza ma hi xejn ghajr tentattiv ta’ min ghandu l-kontroll fuqha sabiex jizvija lil din l-Onorabbli Qorti mil-kawza numru 127/2007 fl-ismijiet **‘Guzeppa Portelli vs Direttur Ufficju Kongunt’** illi fiha gie pprezentat dan id-dokument u sabiex din il-persuna taghmel minn kollox biex tahkem il-fond hi.

10. L-unika xhieda tal-firem li jinsabu f’dan id-dokument hija l-esponenti Belignia Portelli illi kienet prezenti meta sar dan il-ftehim u x-xhud tal-firem il-Kanonku Antonio Borg, illi l-attrici stess ammettiet fix-xhieda moghtija fil-kawza ta’ spoll **Portelli vs Portelli et** Rik. Gur. Nru 59/2008AE, illi hija tiftakar li dan il-Kanonku kien ta’ sikwit ikun id-dar tal-genituri peress li kien il-konfessur tal-genituri taghha, u kienu gieli ituh flus ghal-quddies.

Fl-ewwel lok issir riferenza ghar-rikors li pprezentat l-attrici fis-26 ta’ April 2010 wara li kien inghalaq il-gbir tal-provi (fol. 158), u li permezz taghha talbet li l-provi li nstemghu fil-kawza ta’ spoll li kien hemm bejn il-kontendenti (numru 59/2008) jghoddu wkoll ghal din il-kawza. F’nota li pprezentat l-attrici fis-7 ta’ Mejju 2010 spjegat li kien jinteressaha li x-xhieda li tat f’dik il-kawza fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2008 (fol. 183). Il-qorti tirrileva li t-traskrizzjoni ta’ dik ix-xhieda kienet giet esebita mill-konvenuti fit-8 ta’ Gunju 2009 (ara fol. 48-49). Ghalhekk il-qorti ma tqiesx li hemm htiega li taghti xi provvediment dwar ir-rikors tas-26 ta’ April 2010.

Din il-kawza saret wara li fit-12 ta’ Novembru 2007 l-attrici pprezentat kawza kontra d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt (**Guzeppa Portelli vs Direttur Ufficcju Kongunt** – Rikors 127/2007) fejn qeghda tikkontesta l-fatt li s-sid (il-Gvern ta’ Malta), wara l-mewt ta’ huha Emmanuel Portelli, irrikonoxxa bhala inkwilina lil martu Belignia Portelli. L-attrici tippretendi li hi kellha tigi rikonoxxuta bhala inkwilina peress li fid-data tal-mewt ta’ missierha, Angelus Portelli, kienet tghix mieghu f’dan il-fond. Fir-rikors guramentat kienet ippremettiet li ***“xi zmien wara l-mewt ta’ Angelus Portelli din l-krija daret fuq Emanuel Portelli. Dan minkejja illi kien hemm korrispondenza sabiex il-kirja***

***iddur kemm fuq Emanuel Portelli kif ukoll fuq l-attrici Guzeppa Portelli."***.

L-attrici hi xebba u ghandha disgha u tmenin (89) sena[2], u fl-2007 bdiet tghix ma' Paul u Lourdes konjugi Piscopo fid-dar taghhom in-Nadur[3]. L-attrici trabbiet fil-fond 13, Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex u wara l-mewt tal-genituri baqghet tghix fil-fond in kwistjoni. Il-kundizzjonijiet li kienet qeghda tghix fihom huma ta' zmenijiet ohra. Il-qorti kellha l-opportunita tikkonstata dan f'access li kien sar fil-post. L-istat ta' sahha tal-attrici ma kienx jippermettilha li tkompli tghix wahedha. Il-qorti m'ghandix dubju li l-attrici m'hijiex ser terga' tmur tghix f'dan il-fond, kemm minhabba sahhitha, l-eta avvanzata taghha u wkoll minhabba li fil-fond m'hemm l-ebda kumditita ghal bzonnijiet tal-lum u b'mod partikolari ta' persuna fl-istat li tinsab fih l-attrici.

**<u>Eccezzjoni ta' illegittimita tal-attrici</u>**.

Il-konvenuti jsostnu li l-attrici m'ghandix il-kapacita mentali u fizika sabiex tipprezenta kawza. Fl-ewwel lok is-sottomissjonijiet li ghamlu l-konvenuti dwar l-interess guridiku[4], m'humiex f'lokhom. L-eccezzjoni ta' illegittimita tal-attrici m'ghandhiex x'taqsam mal-interess guridiku, izda jekk il-parti fil-kawza ghandix *locus standi judicio*. L-Artikolu 781(b) tal-Kap. 12 jipprovdi li *"M'humiex kapaci joqghodu f'kawza bhala atturi jew konvenuti:*

*(a) omissis*
(b) *il-persuni furjuzi jew mohhom marid u kull persuna ohra li ma jkollhiex l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawza, hlief fil-persuna ta' dak li skond il-ligi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur ad litem."*.

Jekk eccezzjoni simili tintlaqa' twassal ghan-nullita' tal-atti[5]. Eccezzjoni li tista' tigi sanata bil-hatra, mill-qorti li tkun qeghda tisma' l-kawza, ta' kuratur *ad litem* wara

---

[2] Twieldet fl-4 ta' Novembru 1921.
[3] 54, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex.
[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-26 ta' April 2010 (fol. 159).
[5] Artikolu 787 tal-Kap. 12.

rikors li jsir minn kull min ikollu interess (Artikolu 783 tal-Kap. 12).

Il-psikjatra Dr Anton Grech, mahtur mill-qorti permezz ta' digriet li nghata fis-16 ta' Jannar 2009 (fol. 16), fir-rapport ghamel dawn l-osservazzjonijiet dwar l-attrici:-

- *"She had good long term memory.";*
- *"She had good concentration; she was capable to say the day of the week backwards.";*
- *"She was capable to recognize persons.";*
- *"Her mood was euthymic. She did not have any biological features of affective disorder";*
- *"She did not have any abnormalities of thought or perception."*;

Il-perit mediku kkonkluda: *"Ms Guzeppa Portelli has some inability to register new information that is probably compromised further when she is anxious. Otherwise I did not find evidence of other abnormalities in her cognitive state."*. Meta xehed in eskussjoni spjega li l-attrici tbaghati minn ***"poor short term memory, tinsa l-affarijiet malajr. Dan kawza tal-eta' avvanzata li ghandha. Dan jista' jkun l-ewwel pass ghall-izvilupp ta' dementia."*** (fol. 36), u *"Ghalija l-attrici qieghda fi stat border line fis-sens illi ma hijiex mentalment perfetta, pero lanqas qieghda f'kundizzjoni li jiena nikklassifikaha bhala fi stat ta' dementia severa. Dan ma huwiex kaz fil-fehma tieghi illi kieku jimmerita l-interdizzjoni tal-attrici."*. M'hemmx dubju li minhabba l-eta avvanzata u l-istat ta' sahha, xi hadd irid jassisti lill-attrici fl-amministrazzjoni ta' gidha. Ma jfissirx li ghaliex l-attrici hi debboli allura m'ghandix dritt li jigu salvagwardati l-jeddijiet taghha. Huma l-konjugi Piscopo li qeghdin jiehdu hsieb l-interessi tal-attrici. Fil-fatt ghas-seduti kien jidher Paul Piscopo u mill-atti jirrizulta wkoll li kien qieghed jipprezenti atti gudizzjarji ghall-attrici. Mill-provi ma rrizultax li l-attrici qeghda tbati minn mard tal-mohh. Lanqas ma jirrizulta li hemm digriet tal-qorti volontarja li ordna l-inabilitazzjoni jew interdizzjoni taghha, u li kien iwassal sabiex l-attrici tigi svestita mill-esercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-

kawza. Il-fatt li ghandha bzonn l-ghajnuna ta' haddiehor sabiex thares l-interessi taghha, ma jfissirx li m'hijiex kapaci li toqghod f'kawza. Hu veru li fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2009 xehedet li *"Pero' jiena ma nafx li ghandi l-kawzi l-qorti. Jiena ma nafx li ghamilt kawzi l-qorti biex inzomm il-post. Nerga' nirrepeti pero', il-post jiena rridu. Il-post tieghi. Hadd ma zammni milli mmur fih."* (fol. 66). Madankollu hu veru wkoll li l-attrici ghamlitha cara li trid izzomm il-post u li lill-perit mediku kienet qaltlu li hemm kawza dwar il-fond.

Ghalhekk il-qorti ser tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

**<u>Eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni l-konvenuti jsostnu li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

*"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*.

Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata. L-iskrittura ghandha d-data tal-25 ta' Gunju 1978 filwaqt li l-kawza giet prezentata fis-27 ta' Ottubru 2008.

Ghar-ragunijiet li jissemmew iktar 'il quddiem, l-attrici ma kenitx taf b'din l-iskrittura. Ghalhekk il-preskrizzjoni ma setatx bdiet tiddekorri qabel din l-iskrittura giet prezentata fil-kors tas-smiegh tal-provi fil-kawza 127/2007.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda wkoll.

**<u>Fil-meritu</u>**.

Fil-fehma tal-qorti il-kawza odjerna saret inutilment, in kwantu l-kwistjoni dwar jekk il-firma ta' Giuseppa Portelli

fl-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 saritx mill-attrici setghet facilment giet trattata u deciza fil-kawza numru 127/2007 li issa qeghda tistenna l-ezitu ta' din il-kawza. F'dik il-kawza l-iskrittura in kwistjoni, jew ahjar kopja taghha, giet prezentata minn Raymond Bonnici, Property Manager tal-Kurja[6]. Fl-Artikolu 634 u 635 tal-Kap. 12 insibu r-regoli dwar firem u sinjali b'salib flok firem, u x'jigri meta tigi kontesta firma. Meta l-attrici xehedet fit-12 ta' Novembru 2008 iddikjarat li l-firma Giuseppa Portelli li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex taghha u wara qalet *".... ma nahsibx li hija tieghi."* (fol. 49). L-attrici ma kellix ghalfejn toqghod taghmel kawza sabiex tikkontesta li l-firma Guzeppa Portelli saret minnha.

Mill-provi jirrizulta li l-Ufficcju Kongunt, wara l-mewt ta' Emanuel Portelli, irrikonoxxa lil martu (Beligna Portelli) bhala inkwilina. Mill-atti jirrizulta li dan sar b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 199. Mill-provi jidher li l-kirja li kellu Michelangelo Portelli kienet ta' fond rustiku, fis-sens li r-razzett kien intiz ghall-abitazzjoni ta' dawk li jiehdu hsieb bil-hidma u xoghol taghhom tal-koltivazzjoni tar-raba'[7]. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti jidher li f'dan il-kaz japplikaw il-provvedimenti tal-Kap. 199.

L-attrici qalet li ma ffirmatx id-dokument in kwistjoni. Il-konvenuta Rita Theuma xehedet li twieldet fl-1964 u li kienet ghamlet it-typing tal-dokument oggett ta' din il-kawza. Qalet ukoll li *".... dan id-dokument kien gie ffirmat miz-zija Peppina u Carmelo Portelli, li hu z-ziju l-kbir fost l-awha, fil-presenza ta' Dun Karm Portelli, ommi u missieri. Jien kont prezenti. Konna qeghdin fid-dar fejn tghix Peppina fil-bitha. Nikkonferma li l-papa kellu sitt ahwa, dawk li ffirmaw l-iskrittura. Jiena tnejn biss rajthom jiffirmaw l-iskrittura, Carmelo Portelli u z-zija Peppina"* (fol. 129). Il-qorti ghandha d-dubji serji kif Rita Theuma li fl-1978 kien ghad ghandha biss 14 il-sena, ghadha tiftakar xi haga bhal din. Dan iktar u iktar meta fir-risposta guramentata l-konvenuti, inkluz Rita Theuma, iddikjaraw li xhieda tal-firem tad-dokument in kwistjoni huma biss

[6] Ara fol. 141 tal-atti tal-kawza 127/2007AE.

[7] F'dan il-kuntest ara sentenza **Borg vs Briffa** deciza mill-Qorti tal-Appell (Vol. XXVI.i.304).

Beligna Portelli u Kanonku Dun Antonio Borg. Ghalkemm Beligna Portelli qalet li kienet prezenti meta l-attrici ffirmat l-iskrittura, in kontro-ezami l-ewwel qalet li ma kienx gie iffirmat xi dokument bejn l-ahwa dwar il-fond in kwistjoni u ezatt wara li ma kenitx taf (fol. 142).

Il-perit gudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante esprimiet il-fehma li l-firma Guzeppa Portelli li hemm fl-iskrittura oggett tal-kawza, probabilment giet falsifikata[8]. Waslet ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-karta tal-identita tal-attrici numru 65521G u karta ta' identita, iktar antika, bin-numru 174121. Sfortunatament illum l-attrici m'hijiex f'kundizzjoni ta' sahha li tiffirma. M'hemmx dubju li anke mad-daqqa ta' ghajn il-firma tal-attrici fil-karta tal-identita 174121[9] hi ghal kollox differenti minn dik li tidher fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978. Il-firma fil-karta tal-identita 174121 presumibilment saret fis-snin sebghin meta tikkunsidra li l-Att dwar il-Karti tal-Identita (Kap. 258) kien dahal fis-sehh fl-1 ta' Gunju 1976. Il-perit gudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante rat ukoll il-karta tal-identita numru: 65521G li kienet valida mit-22 ta' Frar 2002 sat-30 ta' Settembru 2006. Il-qorti rat kopja ta' dan id-dokument ghalkemm ma giex prezentat mill-attrici man-nota tad-19 ta' Ottubru 2010[10]. Il-firma fuq dan id-dokument tidher ukoll differenti minn dik li hemm fl-iskrittura in kwistjoni, u tvarja wkoll minn dik fuq il-karta tal-idenita numru 174121. Ghalkemm hu minnu li idejalment kienu jigu prezentati iktar dokumenti ufficjali bil-firma tal-attrici, pero l-firma Guzeppa Portelli li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 hi tant differenti minn dik li tidher fil-karta tal-identita 174121, li l-qorti hi moralment konvinta li l-attrici m'hijiex l-awtrici ta' dik il-firma.

Hemm certezza li wara l-mewt tal-genituri, l-attrici baqghet tghix fil-post[11]. F'ittra datata 16 ta' Mejju 1996 mibghuta mill-konvenuta Beligna Portelli lill-Ufficcju Kongunt

---

[8] Rapport a fol. 71. Dr Juliana Scerri Ferrante ikkonfermat li fis-26 ta' Settembru 2009 kienet rat l-iskrittura originali li tinsab fil-kunvent tal-Ursolini, Valletta.
[9] Id-dokument originali gie prezentat permezz ta' nota prezentata fid-19 ta' Ottubru 2010.
[10] Dan wara ordni verbali li nghata mill-qorti.
[11] F'dan il-kuntest ara estratti mir-registru elettorali tal-1952, 1960, 1970, 1980, 1990 u 2006 (fol. 29-40 tar-rikors 127/2007).

ikkonfermat li fid-dar kienet ghadha tghix l-attrici; *"U twieldet go dik id-dar flimkien ma' huta kollha inkluz Emanuel Portelli, u* ***baqghet tghix fiha anke wara li huta kollha izzewgu u wara anke l-mewt tal-genituri taghhom, fejn ghada tghix hemmhekk sallum."***[12]. Fl-1978 meta suppost l-attrici iffirmat id-dokument in kwistjoni, Emanuel Portelli kien diga' mizzewweg lil Beligna Portelli u huma kien jghixu f'dar fi Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur, Ghawdex. Madankollu jidher li Emanuel Portelli kellu nteress li l-kirja tinqaleb f'ismu, minkejja li kien mizzewweg u kien ighix band'ohra. Kien b'sehh minn Awwissu 1978 li r-ricevuta tal-kera bdiet tohrog f'isem Emanuel Portelli. Mill-provi ma jirrizultax bl-iktar mod car kif l-attur wassal sabiex ikkonvinca lill-awtoritajiet ekklesjastici sabiex jirrikonoxxuh bhala inkwilin.
Permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 1979 Emanuel Portelli baghat igharraf lil certu Dun Karm[13] li:

*"Jiena hassejt il-bzonn li ghandi ninformak fuq ir-razzett li, qeghdin fih ohti Guzeppa u jien, ghaliex Mikiel oht Maria qalli li gie fejnek u qal li int ghidtlu li lili u lil ohti Guzeppa u li hija Karmnu se tkeccina l-barra u tatieh lilu kollu cens perpetwu. Ghalhekk ahna nhossuna nkwetati hafna b'dan il-kliem...... Ahna nhossu li twelidna hemm gew u ghadna nghixu hemm gew, ghandna kull dritt li nibqghu nghixu hemm gew daqs kemm ghandhom dritt huma. Nghidlek ukoll li jekk kemm il darba taghmel xi hsieb li r-razzett fejn noqghod jien u ohti trid tbieghulna ahna nixtruh."*.

Minn din l-ittra jirrizulta li terzi kienu qeghdin jipprovaw jixtru l-proprjeta.

F'affidavit li ghamlet l-attrici fil-15 ta' Jannar 2008 xehedet[14]:

---

[12] Fol. 81 tar-rikors 127/2007.
[13] Fol. 140 tar-rikors 127/2007. Jidher li l-persuna hi Dun Karm Portelli li kien amministratur ghall-Monasteru ta' Sant'Ursola (ara fol. 146 tar-rikors 127/2007). Fil-fatt fil-11 ta' Novembru 1978 Dun Karm Portelli kien ipprezenta rikors fil-Kurja u jsemmi bhala wiehed mill-gabillotti li jhallsu l-qbiela lil Emmaneul Portelli (ara fol. 109 tar-rikors 127/2007). Fir-rikors jinghad li r-raba' fiha kejl ta' 32 tomna u 6 kejliet.
[14] Ara l-atti tal-kawza 127/2007 a fol. 24 u 25.

*"Naf li wara l-mewt ta' missieri l-kirja kienet daret fuq hija Emanuel izda hija naf li anke kellem avukat sabiex il-kirja tigi fuqi u fuqu. L-avukat li kien kellem kien l-avukat Michael Grech illum mejjet. Naf li kienet inkitbet xi ittra dwar dan."*.

Ir-realta' hi li wara l-mewt tal-genituri, l-attrici kellha kull dritt bis-sahha tal-ligi li tibqa' tghix fil-fond in kwistjoni u tigi rikonoxxuta bhala inkwilina. Il-qorti ma tistax tifhem x'raguni seta' qatt kellha li l-attrici li tirrinunzja ghad-dritt ta' inkwilinat. Il-konvenuti jsostnu li sar hekk ghaliex l-attrici ma reditx thallas il-kera. Pero mill-provi rrizulta li l-attrici kienet qeghda thallas kera[15]. Hu stramb ukoll kif Emanuel Portelli, wara li Guzeppa Portelli suppost iffirmat l-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978, fl-ittra tat-3 ta' Marzu 1979 qal li hu u ohtu (l-attrici) kienu nteressati li jixtru l-proprjeta. Jekk il-firma Guzeppa Portelli hi tal-attrici, jistona wkoll kif fit-12 ta' Awwissu 1991 Maria Camilleri, neputija tal-attrici, baghtet ittra lill-Kurja fejn iddikjarat: *"Kellna bicca art fi triq Ix-Xaghra ta' Wied Bingemma fin-Nadur li kienet f'idejn iz-ziju tieghi Emanuel Portelli. Parti minnha hadha l-gvern biex jibni l-plots. Jekk joghgbok tista' tghidilna r-razzett u dak li fadal huwiex f'idejkom jew hadux il-gvern ? Qed niktiblek, halli fil-kaz li ghadu ghandkom, ahna nixtiequ nixtruh. Jekk inhu hekk ghidli x'ghandi naghmel."*[16].

Wara li l-qorti qieset ic-cirkostanzi li jissemmew hawn fuq, hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' l-firma Guzeppa Portelli fuq l-iskrittura tasl-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-attrici. F'kull kaz il-qorti qeghda taghmilha cara li din id-decizjoni ma tfissirx li l-posizzjoni ta' Beligna Portelli qeghda tigi pregudikata, kwistjoni li ghad trid tigi determinata fil-kawza l-ohra **Guzeppa Portelli vs Direttur Ufficcju Kongunt** (Rikors numru: 127/2007).

Ghal dak li jirrigwarda t-talba relatata mal-firem ta' Maria Muscat u Maria Portelli fl-iskrittura in kwistjoni, fil-fehma tal-qorti din hi materja li ma tista taghti l-ebda beneficcju

[15] Ara ricevuti li jirreferu ghall-iskadenzi tal-1975, 1976 u 1977 (fol. 131).
[16] Fol. 123 tar-rikors 127/2007.

lill-attrici. L-istess japplika fir-rigward tal-ilment li l-iskrittura m'hijiex iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli. Fil-fehma tal-qorti kieku irrizulta li l-attrici ffirmat l-iskrittura, ma setghet tiehu l-ebda beneficcju mill-fatt li l-iskrittura ma tkunx giet iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli u li xi firem m'humiex ta' whud mill-werrieta tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.**
**2. Tichad it-tielet eccezzjoni.**
**3. Tiddikjara li l-attrici m'ghandix interess guridiku sabiex tattakka l-firem ta' persuni ohra li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 u l-fatt li mhux il-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli ffirmaw l-iskrittura.**
**4. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u tiddikjara:-**

**i. Il-firma Guzeppa Portelli li tidher fl-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-attrici.**
**ii. Tiddikjara li l-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 ma torbotx lill-attrici.**

**Tordna li l-ispejjez ikunu kollha a karigu tal-attrici minhabba li din il-kawza saret inutilment. B'dan li l-ispejjez relatati mal-perizja ta' Dr Juliana Scerri Ferrante hi a karigu tal-konvenuti, peress li dan l-ezercizzju kien xorta jkollu jsir kieku din il-kawza ma saritx.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------